# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-10 t'Ottubru 2023

**Rikors Numru : 349/2023JPG**

**Kawza Numru : 19**

**FR**
**Vs***
**AM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' FR u AM datat 20 ta' Gunju 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg nhar is-sittax ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (16/02/2008) fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, il-Furjana u kopa tac-certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A";*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat sittax ta' Mejju elfejn u tnax (16.5.2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument B";*

4. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u llum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda pendenza rigward hlas ta' mantneiment billi l-ebda manteniment huwa dovut bejn il-partijiet;*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;*

*Għaldaqstant,l-esponent umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tippronunzja d-divorzju ossia l-hall taz-taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**FR xehed** (vide affidavit fol 4) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-16 ta' Frar 2008 u li minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Christine Abela datat 16 ta' Mejju 2012. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti

jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemmx kwistjonijiet pendenti ta' manteniment bejniethom.

**AM xehdet** (Vide Fol 5) u kkorroborat u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Frar 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 123/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Christine Abela datat 16 ta' Mejju 2012. (vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex

z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 123/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**

***U b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2023, il-kliem "Vs" trid taqra "U", stante li rikors kongunt.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**